**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' April 2024**

**Rikors nru : 74/2024 AGV**

**Dr. J Z**

**Vs**

**Dr. FZA**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Rikors guramentat tan-Nutar Dr . JZ detentur tal-karta tal-identità bin-numru**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:

1. Illi l-Partijiet izzewgu nhar it-Tletin ta' April tas-sena Elfejn u hamsa (30/04/2005) gewwa l-Knisja l-Qadima, f'Birkirkara, Malta (Kopja tac-certifikat taz-zwieg, qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK.A');

2. Illi minn dan iz-zwieg b'kollox twieldu zewgt itfal, u cioé PZA li twieldet nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Settembru tas-sena Elfejn u Sebgha (25/09/2007) (Kopja tac- certifikat tat-Twelid qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK.B') kif ukoll JZA li twieled nhar it-Tlieta ta' Frar tas-sena Elfejn u Tnax (03/02/2012) (Kopja tac-certifikat tat-Twelid qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK. C');

3. Illi l-Partijiet ilhom separati *de facto* sa mill-Erbatax ta' Jannar tas-sena Elfejn Tlieta u Ghoxrin (14/01/2023) mentri ilhom separati *de jure* sa mid-Disgha ta' Frar tas-sena Elfejn Erbgha u Ghoxrin (09/02/2024) permezz ta' Att ta' Firda Personali liema Att Pubbliku gie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li huwa fl-Atti tan-Nutar Tonio Cauchi (Kopja tal-Kuntratt tas-Separazzjoni qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK. D');

4. Illi ghaldaqstant, m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-Partijiet;

5. Illi bil-gurament, l-esponenti qed jiddikjara li m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut;

6. Illi l-Partijiet qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin u llum il-gurnata ghandhom il-hajja taghhom. Ghaldaqstant, l-esponenti qed jiddikjara bil-gurament li ma tezisti l-ebda possibilità ta' rikonciljazzjoni;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici civili (KAP.16) tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi ma' dan ir-rikors, qed jigi anness l-Affidavit tal-esponenti nnifsu (Affidavit qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK.E');

**Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent umilment qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-Tletin ta' April tas-sena Elfejn u hamsa (30/04/2005) gewwa l-Knisja l-Qadima, f'Birkirkara, Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg, tal-Partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.**

**Il-Qorti rat li l-konvenuta ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 30 ta' April 2005**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**